**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 25 ta' Settembru 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Janetta Grixti)**

**Vs**

**Mohammed Yousef Ahmed Bushra**

***Ommissis***

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Mohammed Yousef Ahmed Bushra,** detentur ta' numru tal-Pulizija 20Z-300 u **Ommissis**, akkuzati talli fil-lejl ta' l-10 u 11 ta' Settembru 2020, bejn 18:00hrs u 02:00hrs, f'dawn il-Gżejjer u/jew ġewwa Hal Safi;

1. ikkommettew harba semplici mic-centru ta' detenzjoni ta' Safi Barracks Detention Centre, Safi waqt li kienu taht il-kustodja ta' persuni inkarigati miz-zamma taghhom. (*Art 151, 160, ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*);

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-23 ta’ Settembru 2020 (ara *folio* 20) sabiex din il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f’dan il-procediment;

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni, partikolarment mid-depozizzjonijiet tax-xhieda PC280 Justin Muscat u Ronald Schembri, irrizulta sodisfacentement u skond il-Ligi illi fil-lejl ta` bejn l-10 u l-11 ta` Settembru 2020, l-imputat flimkien ma *ommissis*, harbu mic-centru ta` detenzjoni ta Hal-Safi meta huma kienu ufficjalment taht kustodja.

**Decide;**

Ghall-mottivi premessi il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 151 u 160 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lill-imputat **Mohammed Yousef Ahmed Bushra**, hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta’ disgha (9) xhur prigunerija.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur